A.L. 263 ta' l-2004

ATT TA' L- 2004 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU. II TA' L- 2004)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm40,000,000 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (L-Ewwel Ħruġ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2004 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix l-Lm40,000,000 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta jiġi maħruġ kif ġej:-

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett. Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock* .

2. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett. *Policy* dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

3. Meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta. Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* ma għandhiex teċċedi Lm40,000,000. Somma ta' flus li għandha tinġabar.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm2.50,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-8 ta' Frar u fit-8 ta' Awissu ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn is-26 ta' Mejju, 2004 u t-8 ta' Awissu, 2004 jsir fit-8 ta' Awissu, 2004. Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fit-8 ta' Awissu, 2021. Fidwa ta' *Stock*..